

Għajjnuna mill-Istat — Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni

(2022/C 143/07)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta' għajjnuna mill-Istat li ġejja:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni	l-14 ta' Diċembru 2021
Każ Nru	87845
Deċiżjoni Nru	290/21/COL
Stat tal-EFTA	In-Norveġja
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	COVID-19 - Estensjoni u emendi għall-iskema umbrella Norveġiża għall-appoġġ ta' likwidità għall-impriżi fil-muniċipalitajiet milquta mill-pandemija tal-COVID-19
Bażi ġuridika	Il-proposta tal-baġit tal-Gvern, Prop. 79 S (2020–2021) approvati fit-23 ta' Frar 2021 It-termini u l-kundizzjonijiet għall-miżura huma deskritti fl-ittri ta' assenjazzjoni lill-muniċipalitajiet, maħruġa mill-Ministeru tal-Gvern Lokali u l-Modernizzazzjoni. Il-Kapitolu 6 tar-Regolament dwar il-ġestjoni ekonomika għall-awtoritajiet nazzjonali sanzjonati b'digriet Irjali mit-12 ta' Diċembru 2003 huwa rilevanti
Tip ta' miżura	Skema
Objettiv	Li jiġi żgurat aċċess għal-likwidità għall-impriżi li jiffaċċjaw nuqqas/indisponibbiltà f'daqqa ta' likwidità minħabba l-impatt fuq l-ekonomija tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri lokali jew nazzjonali ta' kontroll tal-infezzjonijiet li jirriżultaw
Forma tal-għajjnuna	Għotjiet diretti
Baġit	Il-baġit massimu stmat huwa ta' NOK 4.55 biljun
Intensità	Il-miżura tipprovdi lill-muniċipalitajiet/kontej reġjonali kollha b'qafas li fih jistgħu jgħinu impriżi lokali li jesperjenzaw kostijiet jew telf akbar. Il-ħtieġa għall-fondi tista' għalhekk tvarja
Tul ta' żmien	Sat-30 ta' Ġunju 2022
Setturi ekonomiċi	Is-setturi jew l-impriżi jistgħu jvarjaw taħt l-iskemi muniċipali/tal-kontea differenti. Il-miżura ma tapplikax għal impriżi li huma kompletament iffinanzjati minn awtoritajiet pubbliċi u madankollu mhijiex miftuħa għas-settur finanzjarju
Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti	Il-Ministeru tal-Gvern Lokali u l-Modernizzazzjoni huwa l-awtorità responsabbli għall-miżura u għad-definizzjoni tal-qafas li fih il-muniċipalitajiet u l-kontej reġjonali jistgħu jadattaw u jagħtu prijorità lill-iskemi lokali
Informazzjoni oħra	

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: <http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/>